

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professionist Legali](#) > [Sib Espert](#) > Portugal

Sib espert

Portugall

Il-kontenut ipprovdut
minn
Portugall



I. Listi u reġistri ta' esperti

Minbarra l-proċedimenti previsti fil-Kodiċi ta' Esproprjazzjoni, m'hemm l-ebda lista/reġistru uffiċjali ieħor ta' esperti fil-Portugall. Il-Kodiċi tal-Esproprjazzjoni (approvat mil-Liġi nru 168/99, tat-18 ta' Settembru) jipprevedi l-intervent ta' esperti fuq il-lista uffiċjali fi proċedimenti relatati mad-dikjarazzjoni ta' utilità pubblika ta' esproprjazzjoni u fi proċedimenti relatati mal-infurzar tal-pussess amministrattiv, inklużi l-fażijiet ta' arbitraġġ u ta' appell taż-żewġ proċedimenti.

L-evalwazzjonijiet u l-eżamijiet imwettqa mill-espert għandhom, b'mod partikolari, jirriżultaw fid-determinazzjoni ta' kumpens ġust li għandu jitħallas lill-parti esproprjata. L-ammont għandu jkun ibbażat fuq l-istabbiliment ta' fatti indispensabbli għall-kalkolu ta' dan il-kumpens.

Skont l-[Ordni Amministrattiv Nru 125/2002 tal-10 ta' Mejju](#), li jirregola l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dmirijiet ta' espert u ta' arbitru fil-proċeduri msemmija hawn fuq, id-[Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja \(DGAJ\)](#), huwa l-awtorità Portugiża inkarigata mill-pubblikazzjoni u l-aġġornament tal-[lista uffiċjali ta' esperti](#) u mill-promozzjoni tal-proċeduri għall-għażla u r-reklutaġġ ta' esperti. Il-kompiti tal-esperti jikkonsistu b'mod partikolari fi:

1. Tbassir tal-imposti għall-esproprjazzjoni;
2. Twettiq ta' sħarriġ;
3. Twettiq ta' evalwazzjonijiet;
4. Parteċipazzjoni fi proċedimenti ta' arbitraġġ.

Barra minn hekk, jinħatru wkoll esperti mil-lista uffiċjali fil-kawżi fejn il-liġi tippermetti l-esproprjazzjoni ta' proprjetà mobbli, b'mod partikolari skont l-Artikolu 16 tal-[Liġi 13/85 tas-6 ta' Lulju](#) (il-Liġi Portugiża dwar il-Wirt Kulturali).

Il-lista ta' esperti tinżamm aġġornata b'reviżjoni minn żmien għal żmien.

M'hemm l-ebda għodda ta' tiftix biex jinstab espert fil-Portugall.

II. Il-kwalifiki tal-espert

Sabiex jiġu rreġistrati fil-lista, il-kandidati jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

1. Ikollhom lawrja xierqa, bħal dawk indikati fl-[Ordni Nru 788/2004 tad-9 ta' Lulju](#);
2. Ikollhom minn tal-anqas 18-il sena;
3. Ma jkunux ipprobiti mill-eżerċizzju tal-kariga pubblika jew ma jkunux ġew skwalifikati għall-qadi tad-dmirijiet li l-espert ikun meħtieġ iwettaq;
4. Ikollhom is-saħħa fiżika u l-profil mentali meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet;
5. Ikunu konformi mal-liġijiet obbligatorji dwar it-tilqim.

III. Ir-remunerazzjoni tal-esperti

Esperti maħtura mill-qrati ma jistgħux jirċievu f'ħlas bil-quddiem.

Ir-remunerazzjoni tal'-esperti hija ordnata skont id-dispożizzjoni stipulata fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-Ispejjeż Proċedurali, approvata bl-[Ordni Amministrattiv Nru 34/2008](#) tas-26 ta' Frar, skont it-Tabella IV: bejn 1 u 10 unitajiet tal-kont (UA) (b'EUR 102,00 jkunu l-valur għal unità waħda). Fl-1 ta' Frar 2017, il-Qorti Kostituzzjonali Portugiża ddikjarat, b'forza vinkolanti, li r-regola li tipprevjeni r-remunerazzjoni tal-esperti 'l fuq mil-limitu ta' 10 UA (EUR 1 020,00) kienet antikostituzzjonali minħabba l-prinċipju tal-proporzjonalità.

Fil-każ ta' espert magħżul mill-imħallef, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar jitħallsu minn qabel.

Id-dmir ta' f'ħlas tar-remunerazzjoni tal-esperti huwa ttrattat kif ġej:

Proċedura ċivili

L-ispejjeż tal-proċedimenti jinkludu tariffa tal'-espert. Kull parteċipant għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti magħmula mill-parteċipant u l-ispejjeż tar-rappreżentant tiegħu. Il-qorti għandha tirrimborża lill-parteċipant li jirbaħ il-kawża kompletament l-ispejjeż meħtieġa għall-eżerċizzju effiċjenti jew għad-difiża ta' dritt kontra parteċipant li jitlef il-kawża.

Jekk il-parteċipant ikun rebaħ biss parti mill-kawża, il-qorti għandha taqsam b'mod ġust ir-rimborż tal-ispejjeż jew tiddikjara li l-ebda wieħed mill-parteċipanti m'għandu jkun intitolat għar-rimborż. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-proċedimenti, l-Istat għandu jkun intitolat li jiġi rrimborżat l-ispejjeż tal-proċedimenti li jkun ħallas mingħand il-parteċipanti, jekk dawn l-ispejjeż ma jkunux mistennija li jiġu eżentati mit-tariffi tal-qorti.

Proċedura kriminali

L-ispejjeż meħtieġa biex jitwettqu proċedimenti kriminali, inklużi proċedimenti ta' infurzar, jitħallsu mill-Istat. Jekk il-konvenut kien legalment ikkundannat, huwa meħtieġ jirrimborża lill-Istat ammont fiss ta' spejjeż oħra, fir-rigward, pereżempju, ta' spejjeż ta' trasport jew eżamijiet imwettqa minn laboratorji, li inizjalment kienu koperti mill-Istat. Madankollu, l-ammont fiss jirrikjedi li r-rapport tal-espert ikun intalab matul il-proċedimenti.

M'hemm l-ebda mod kif il-partijiet jistgħu jiksbu għajna legali għar-remunerazzjoni tal-Espert.

IV. Ir-responsabbiltà tal-esperti

Ir-regolamenti tal-Portugall ma fihomx dispożizzjoni partikolari li tittratta r-responsabbiltà tal-espert iżda regolamenti ġenerali (il-liġi tal-obbligi/kuntrattwali) huma applikabbli.

Madankollu, l-espert huwa meħtieġ li jwettaq dmirijietu bid-diliġenza dovuta sabiex iżomm il-ħatra tiegħu, peress li l-imħallef jista' jimponi multa f'każ li l-espert jikser id-dmir ta' kooperazzjoni mal-qorti. Il-qorti tista' wkoll tneħħi lill-espert mill-proċedimenti jekk l-azzjoni tal-espert titqies bħala negliġenti (pereżempju, f'każ li jonqos milli jippreżenta r-rapport tal-espert fil-limitu ta' żmien preskritt).

L-esperti maħtura jkunu meħtieġa jassumu impenn sod biex jiżguraw li l-kompitu assenjat lilhom jiġi onorat, sakemm ma jkunux impjegati taċ-ċivil u dan jintervjeni fil-qadi ta' dmirijiethom.

L-esperti m'humiex obbligati jkopru r-responsabbiltà possibbli tagħhom permezz ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali.

Ir-responsabbiltà tal-espert mhijiex soġġetta għal limitu massimu skont il-liġi.

V. Informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti tal-esperti

Id-dispożizzjonijiet legali ewlenin applikabbli għall-għarfien espert legali fil-Portugall huma l-Artikoli 467sa 489 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) u l-Artikoli 151 sa 163 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Penali](#). M'hemm l-ebda verżjoni bl-Ingliż tad-dispożizzjonijiet aċċessibbli online.

Ir-regoli ġenerali għall-ħatra ta' espert għall-fini ta' proċedimenti quddiem qorti ċivili, kriminali u amministrattiva huma simili. It-titolu tal-espert m'huwiex protett.

Is-sistema legali tal-Portugall ma tagħmilx distinzjoni bejn xhieda esperti, esperti tekniċi, esperti tal-liġi jew kwalunkwe tip ieħor ta' espert.

Kif intqal hawn fuq, m'hemm l-ebda lista uffiċjali oħra ta' esperti minbarra dik relatata mal-esperti maħtura skont il-Kodiċi ta' Esproprjazzjoni. L-esperti jintużaw ta' spiss, kemm fi proċedimenti kriminali kif ukoll fi proċedimenti ċivili.

1 Il-ħatra tal-esperti

Fi proċedimenti ċivili, l-esperti jistgħu jinħatru biss minn qorti. Fi proċedimenti kriminali, l-esperti jistgħu jinħatru mill-prosekutur matul il-fażi tal-investigazzjoni.

L-esperti jistgħu jinħatru wkoll għall-fini ta' proċedimenti preliminari jew ta' qabel il-proċess.

1.a Il-ħatra minn qorti

Qorti tista' taħtar espert fuq it-talba ta' parti jew fid-diskrezzjoni tal-qorti stess. Fil-proċedura kontenzjuża l-qorti tordna evidenza esperta jekk id-deċiżjoni tiddependi fuq il-valutazzjoni tal-fatti li għalihom ikun meħtieġ għarfien xjentifiku.

M'hemm l-ebda differenza bejn il-ħatra ta' espert għall-fini ta' proċedimenti quddiem qorti ċivili, kriminali u amministrattiva.

Il-kawżi għall-prevenzjoni u l-iddispensar legali tal-funzjoni ta' espert jistgħu jiġu mitluba mill-partijiet u mill-espert maħtur innifsu, skont iċ-ċirkostanzi.

Ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mar-rikuża tal-imħallfin għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Id-detenturi tal-korpi sovrani jew korpi ekwivalenti tar-Reġjuni Awtonomi huma eżenti mill-eżerċizzju tal-funzjoni ta' espert. L-istess jgħodd għal dawk li, bil-liġi, għandhom statut simili, bħall-prosekuturi pubbliċi fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom u l-aġenti diplomatiċi ta' pajjiżi barranin.

Il-persuni kollha li jinvokaw raġunijiet personali jistgħu jiġu skużati minn intervent bħala esperti.

Meta l-qorti taħtar esperti, din tuża lista jew reġistru ta' esperti biex tagħżilhom, ħliet fil-qasam ta' għarfien espert mediku, li huwa legalment attribwit lil istituzzjoni pubblika: [Instituto Nacional de Mediċina Legal e Ciências Forenses](#).

Il-ħatra ta' espert mir-reġistru hija prattika segwita b'mod wiesa' mill-qorti.

1.b Il-ħatra mill-partijiet

Il-qorti tista' taħtar espert fuq it-talba ta' parti jew fuq id-diskrezzjoni tal-qorti stess. Fil-proċedura kontenzjuża l-qorti tordna evidenza esperta jekk id-deċiżjoni tiddependi fuq il-valutazzjoni tal-fatti li għalihom ikun meħtieġ għarfien xjentifiku.

Il-partijiet m'għandhomx id-dritt li jaħtru espert iżda li jissuġġerixxi wieħed biss.

Il-partijiet jistgħu jaħtru espert f'għarfien espert konġunt fi proċedimenti ċivili. F'dawn il-każijiet, espert maħtur mill-qorti jaħdem flimkien ma' espert wieħed jew aktar maħtura mill-partijiet.

2 Proċedura

2.a Proċedura Ċivili

Ma hemm l-ebda rekwiżit speċifiku li espert jeħtieġ li jaderixxi miegħu fir-rapport tiegħu u/jew fil-proċedimenti tal-qorti bħal, pereżempju, fil-ġurisprudenza.

Il-qorti ma tissorvelja u lanqas tikkontrolla l-progress tal-investigazzjonijiet tal-espert. Meta, għal raġunijiet tekniċi jew professjonali, ir-rapport ma jkunx jista' jiġi ppreżentat fit-terminu stabbilit mill-imħallef, il-qorti għandha tiġi nnotifikata minnufih sabiex jinħatar espert ġdid mill-aktar fis possibbli.

Ma hemm l-ebda kontroll tal-kwalità fuq il-prestazzjoni tal-espert.

Il-qorti mhijiex marbuta bl-opinjoni tal-espert. Il-qorti tista' tikkunsidra mod ieħor u tiddeċiedi b'mod differenti mill-opinjoni tal-espert. Madankollu, in-nuqqas ta' qbil għandu jkun ibbażat fuq raġunijiet tekniċi u jkun ġustifikat.

Ma hemm l-ebda proċedura li permezz tagħha l-esperti jiltaqgħu qabel il-proċess jew jiġu kontroeżaminati qabel il-proċess biex jippruvaw inaqqsu l-kwistjonijiet u biex il-qorti tifhem l-opinjoni differnti.

Il-partijiet jistgħu jassistu u jagħmlu osservazzjonijiet disponibbli għall-konsiderazzjoni tal-espert. Huma għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe spjegazzjoni li l-espert iqis meħtieġa. Jekk l-imħallef ikun preżenti matul il-proċedimenti ta' għarfien espert, huma jistgħu wkoll jagħmlu talbiet li huma jqisu xierqa fil-kuntest ta' dak il-proċediment speċifiku.

L-esperti jistgħu jużaw il-mezzi kollha meħtieġa sabiex iwettqu b'mod xieraq id-dmirijiet tagħhom, jeżerċitaw il-miżuri jew il-kjarifiki xierqa u jitolbu aċċess għall-informazzjoni dwar il-fajls tal-proċess.

B'mod partikolari, l-espert m'għandux għalfejn jiltaqa' mal-partijiet sabiex jiġbor il-kummenti tagħhom.

1. Ir-rapport tal-espert

M'hemm l-ebda qafas obligatorju li l-Espert għandu jsegwi fir-rapport tiegħu.

Fil-każ ta' għarfien espert kolleġġjali, jekk ma jkunx hemm unanimità, l-esperti li jopponu għandhom jipprovdu r-raġunament li fuqu tkun ibbażata l-pożizzjoni.

L-esperti mhumiex meħtieġa jipprovdu rapport preliminari.

L-esperti huma obbligati biss li jindirizzaw l-argumenti tal-partijiet fir-rapport finali.

M'hemm l-ebda rekwiżit speċifiku ieħor li espert jeħtieġ li jaderixxi miegħu fir-rapport tiegħu u/jew fil-proċedimenti tal-qorti bħal pereżempju fil-ġurisprudenza.

Hemm każijiet fejn l-Espert ikun meħtieġ jipproduċi rapport addizzjonali jekk il-qorti tqajjem mistoqsijiet addizzjonali jew teħtieġ li l-espert jiċċara r-rapport.

L-esperti jagħtu r-rapport tagħhom bil-miktub.

2. Is-smiġħ fil-qorti

Jekk waħda mill-partijiet titlob dan jew jekk il-qorti titlob hekk, l-esperti jidhru fis-seduta finali sabiex joffru, taħt ġurament, l-isjegazzjonijiet mitluba minnhom.

2.b Oħrajn

(it-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet jingħataw f'partijiet oħrajn ta' din l-iskeda hawnhekk – din ta' hawn taħt hija d-duplikazzjoni sħiħa)

M'hemm l-ebda rekwiżit speċifiku ieħor li espert jeħtieġ li jaderixxi miegħu fir-rapport tiegħu u/jew fil-proċedimenti tal-qorti bħal pereżempju fil-ġurisprudenza.

Il-qorti ma tissorvelja u lanqas tikkontrolla l-progress tal-investigazzjonijiet tal-espert.

M'hemm l-ebda kontroll tal-kwalità fuq il-prestazzjoni tal-espert.

Il-partijiet jistgħu jikkontestaw ir-rapport b'dikjarazzjonijiet u billi jipprovdu kontrokompetenza qabel ma l-qorti tiddeċiedi l-kawża.

Il'-qorti fil-prinċipju hija marbuta bl-opinjoni tal-espert. Meta l-qorti tiddeċiedi mod ieħor, hija għandha tiġġustifika n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-opinjoni tal-espert.

M'hemm l-ebda proċedura li permezz tagħha l-esperti jiltaqgħu qabel il-proċess jew jiġu kontroeżaminati qabel il-proċess biex jippruvaw inaqqsu l-kwistjonijiet u biex il-qorti tifhem l-opinjoni differenti.

L-esperti jistgħu jikkuntattjaw lill-partijiet matul il-proċedimenti.

Il-partijiet ġeneralment jistgħu jkunu preżenti matul it-twettiq tal-investigazzjonijiet ta' għarfien espert, u jistgħu jagħmlu kummenti u jwieġbu għall-mistoqsijiet tal-esperti.

B'mod partikolari, l-espert m'għandux għalfejn jiltaqa' mal-partijiet sabiex jiġbor il-kummenti tagħhom.

L-informazzjoni ppreżentata hawn inġabret waqt il-Proġett Sib Espert minn kuntatti għal kull pajjiż magħżula mill-Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti EEEI..

■ L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.